MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 7/2005

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Mizzi sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Mizzi**

**Vs**

**Tarcisio Micallef**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Jannar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm189.44 (mija u disgha u tmenin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku fl-Imsida.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u disgha u tmenin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm189.44) rapprezentanti

danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tal-24 ta' Marzu, 2004, f'Regional Road, Msida, bejn il-vettura bin-numru BBI 364 misjuqa mill-konvneut, u l-vettura numru FBK 675 misjuqa minn Raymond Vella u propjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici Joseph Mizzi, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mis-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Awissu, 2004, il-konvenut baqa` inadempjenti.

L-ammont mitlub jinkludi hamsin lira (Lm50) 'Excess' imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, Joseph Mizi, li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2004, u ta` l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax pagabbli mis-27 ta' Awissu, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata seduta stante.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------